2 ta' Ottubru, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Mosè Bartolo et. *versus* Vincenzo Borg et. (*)

**Raba' tal-Gvern — Lokazzjoni.**

*Il-fatt li raba' tal-Gvern ikun diviż, jekk mhux bil-kunsens, però mingħajr oppożizzjoni ta' l-istess Gvern lokatur, jista' jinduċi u jikkrea bejn l-istess detenturi tad-diversi porzjonijiet rapporti bħal dawk li jistgħu jiġu minn servitù kostitwita bejn żewġ fondi li jkunu ta' proprietarju divers.*

*Għaldaqstant id-detentur ta' waħda minn dawk il-porzjonijiet ta' raba' tal-Gvern hekk diviżi jista' jaġixxi kontra d-detenturi tal-porzjonijiet l-oħra b'dawk l-azzjonijiet li l-proprjetarju ta' fond jista' jeżerċita kontra l-proprjetarju ta' fond ieħor.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi huma u l-konvenut Borg għandhom bi qbiela, flimkien ma' oħrajn, ir-raba' msejjaħ "Ta' l-Imġiebaħ", li jinsab fil-kuntrada "Ta' Selmun", limiti tal-Mellieħa, appartenenti lill-Gvern Ċivili; u li dan ir-raba' huwa materjalment diviż bejnhom, il-konvenut Borg u l-oħrajn; u li huma u l-awturi tagħhom kienu minn żmien twil ta' aktar minn 45 sena jgħaddu għall-porzjoni tagħhom ta' dak ir-raba', li hija interkjuża minn kullimkien, minn fuq il-por-

(*) Maqtugħa fil-meritu fit-28 ta' Frar 1948 (Prim'Awla).

zjoni tal-konvenut Borg, kemm ilha f'idejh, u minn l-istess porzjoni tiegħu meta kienet għand l-awtur tiegħu, bir-riġel u bil-bhima s-sena kollha, u bil-kariettun ukoll fis-sajf, u kien hemm minn dejjem għal dan il-passaġġ magħmulin rampi u mħollija triq; u li f'dawn l-aħħar sentejn il-konvenut Borg għalaq dak il-passaġġ b'ġebel, u fih ħawwel dwieli, b'mod li huma ma jistgħux jgħaddu aktar bil-karrettun; u li l-konvenut Onorevoli Cuschieri nomine infurmahom, b'ittra tiegħu tad-29 ta' Novembru 1945, li ma jridx jindaħal bejniethom u bejn il-konvenut Borg; talbu li jiġi dikjarat u deċiż li l-porzjoni tagħhom għandha d-dritt tal-passaġġ bir-riġel u bil-bhima matul is-sena kollha u bil-karrettun fis-sajf, minn fuq il-porzjoni tal-konvenut Borg; u li l-konvenuti t-tnejn, jew min minnhom, jiġu kundannati li jneħħu l-ġebel imsemmi u li jagħmlu l-passaġġ kif kien qabel, b'mod li huma (l-atturi) ikunu jistgħu jgħaddu minnu bil-bhima u bil-karrettun fis-sajf, u bir-riġel u bil-bhima matul is-sena kollha; u dan fiż-żmien li jiġi prefiss lilhom minn dina l-Qorti; u fil-każ li jgħaddi inutilment it-terminu li jiġi hekk prefiss, huma (l-atturi) jiġu awtorizzati li jneħħu l-ġebel imsemmi u jagħmlu kif kien qabel l-imsemmi passaġġ, billi jaqilgħu minnu d-dwieli indikati, a spejjeż tal-konvenuti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar 1946, u tal-protest tal-10 ta' Jannar 1947;

Tikkunsidra fuq il-preġudizzjali opposta mill-konvenut Vincenzo Borg, li ma tikkompetix lill-atturi l-azzjoni minnhom proposta;

Illi dina l-eċċezzjoni ma tirriżultax fondata. Ir-raba' indikat fl-att taċ-ċitazzjoni hu tal-Gvern Ċivili, detenut f'porzjonijiet distinti, mill-atturi, mill-konvenut Borg, u minn oħrajn, b'diviżjoni bonarja. Il-fatt tad-diviżjoni ta' dan ir-raba', jekk mhux bil-kunsens, però mingħajr l-oppożizzjoni tal-proprjetarju li illoka l-istess raba', jista' jinduċi u jikkrea bejn l-istess detenturi tad-diversi porzjonijiet rapporti bħal dawk li jistgħu jqumu minn servitù kostitwita bejn żewġ fondijiet li jkunu ta' proprjetarju divers. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Sammut vs. Borg" fit-18 ta' Frar 1926, ċitata mill-atturi (Kollez. Vol. XXVII—II—254). F'dik il-kawża l-kwistjoni kienet bħal din li l-Qorti għandha quddiemha. Ir-raba' kien "Ta' Ġnien

*Fieres*", beni demanjali, *detenuti minn diversi gabillotti*, f'porzjonijiet distinti, b'diviżjoni bonarja; u fl-imsemmija sentenza gie rilevat :— "Per essere le dette terre di proprietà del Governo, non possono le *stesse farsi* assoggettare ad una servitù prediale a vantaggio di una parte delle stesse ed a danno o restrizione di altra parte delle terre medesime — 'res sua nemini servit'. Il fatto però della suddivisione delle stesse terre tra più conduttori, o tra più detentori, se non col consenso, certo senza opposizione del proprietario, locatore, può indurre e creare tra gli stessi conduttori o detentori delle diverse porzioni tali rapporti quali potrebbero sorgere da una servitù costituita tra due fondi di proprietario diverso";

Għaldaqstant tirrespinġi l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut Vincenzo Borg; u tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu.